**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 199/2020**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Patrick Mangion**

Illum 14 ta' Marzu 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Patrick Mangion**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 68773(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar il-11 ta' Jannar 2019, għall-ħabta ta' bejn 12:00hrs u 13:45hrs minn ġewwa r-residenza bin-numru 30 u bl-isem Zardor li tinsab fi Triq l-Għargħar 1979, Qormi:

1. flimkien ma' persuni oħra kkommetta serq ta' flus u ġojjellerija, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur, li jeċċedi l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro

u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok, u li sar għad-dannu tal-familja Sammut u/jew ta' xi persuna/i oħra;

2. bla ordni skont il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Anna Sammut kontra l-volonta' tagħha;

3. ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Anna Sammut hekk skont kif iċċertifika Dr. Kauson MD miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Qormi;

4. ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;

5. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saru reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

6. fl-istess data, ħin, lok u cirkustanzi naqas milli jħares il-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.) fid-digriet tagħha tal-14 ta' Diċembru 2017, li bih tat il-ħelsien mill-arrest.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Ottubru 2020, fejn il-Qorti:

- filwaqt li lliberat lill-imputat mir-raba' (4) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu;

- wara li rat Artikoli 17, 31, 49, 50, 86, 87(1)(e), 221(3)(b), 261(a)(b)(ċ)(e), 262(1)(a)(b)(2), 263, 267, 269(g), 274(d), 275, 277(b), 279(b), 280(2), 289 u 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu seba' (7) snin u sitt (6) xhur priġunerija;

- ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-garanzija ta' ħamest elef Euro (€5,000) hekk kif indikat fid-digriet għall-ħelsien mill-arrest mogħti mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo fl-14 ta' Diċembru 2017;

- irrevokat *contrario imperio* d-digriet tal-ħelsien mill-arrest imsemmi u ordnat l-arrest mill-ġdid tal-imputat Mangion;

- b'applikazzjoni ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-ħati jħallas l-ammont ta' elf, sitt mija u tmienja u tmenin Euro u għaxar ċenteżmi (€1,688.10) rappreżentanti terz tal-ispejjeż peritali;

- wara li rat Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, moqri flimkien ma' Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-ħati jħallas lura lil Anna Sammut is-somma ta' elf, tmien mija u tmien Euro (€1,808) rappreżentanti terz tal-flejjes li ġew misruqa b'dan li din l-ordni kellha l-istess forza u effett u kienet eżegwibbli bl-istess mod bħallikieku ngħatat f'kawża ċivili bejn l-imputat u l-parte leża.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fl-20 ta' Ottubru 2020 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tbiddel u tirriforma s-sentenza appellata billi: 1. Tirrevokaha in kwantu ddikjarat lill-esponenti ħati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, il-ħames u s-sitt imputazzjoni; 2. Tikkonfermaha in kwantu ddikjarat lill-appellant ħati tar-raba' imputazzjoni; 3. B'mod*

*sussidjarju, fl-eventwalita' li tikkonferma l-ħtija taħt xi waħda mill-imputazzjonijiet, tvarja l-piena imposta għal waħda aktar ekwa u ġusta għal każ odjern."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Rat illi minkejja li l-konsulenti legali tal-appellant ngħataw żmien sabiex jippreżentaw Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom u dana b'żieda ma' dak li jirriżulta fir-Rikors tal-appell u mas-sottomissjonijiet li kienu diġà saru quddiem din il-Qorti diversament preseduta, huma baqgħu ma ppreżentaw l-ebda Nota ta' Sottomissjonijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-5 ta' Ottubru 2020.

Illi għandu jingħad li l-kawża fl-ismijiet premessi nstemgħet u mxiet flimkien ma' kawża oħra fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mark Anthony Cardona et** u ma' kawża oħra fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Michael Mifsud**. Jirriżulta li l-Ewwel Qorti tat is-sentenzi fir-rigward ta' dawn il-kawżi appena msemmija u ta' dik li dwarha qed tingħata din is-sentenza fl-istess jum. Għal kull buon fini jingħad li fis-seduta miżmuma fl-4 ta' Ottubru 2021 (*a fol.* 680), din il-Qorti diversament preseduta laqgħet talba tal-Avukat Ġenerali sabiex l-appell mertu ta' din is-sentenza jinstema' flimkien ma'

żewġ appelli oħra bin-Numri 212/2020 u 213/2020 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mark Anthony Cardona et**.

Illi l-fatti ta' dan il-każ jirriġwardaw serqa li saret fil-11 ta' Jannar 2019 fir-residenza bin-numru 30 bl-isem Zardor fi Triq il-Għargħar 1979, Qormi. F'din is-serqa skont il-parti leża Anna Sammut daqq il-bieb u x'ħin ħarġet biex tara ma sabet lil ħadd. Ftit iktar tard reġgħet daqqet il-qanpiena ta' barra u din id-darba meta ttawwlet sabet raġel li kien qed jippretendi li huwa tal-posta. Dan qalilha li kellha pakkett u x'ħin fetħet il-bieb dan imbuttaha ma' l-art waqt li daħlu żewġ irġiel oħra. Dejjem skont il-parti leża l-persuna li kien qed jagħmilha ta' pustier għamlilha sikkina ma' għonqha u mminaċċja li joqtolha. Sadanittant wieħed mill-irġiel l-oħra żarma d-*decoder* tas-*CCTV camera* waqt li l-ieħor tela' fuq jisraq l-affarijiet. Jirrizulta li l-parti leża tħalliet minduda fuq it-taraġ u li sussegwentement sejħet l-għajnuna. Il-parti leża tgħid ukoll li xi ġranet qabel kien hemm *pick-up* li wasal ħdejha rrejżjat. Minn investigazzjonijiet li għamlet il-Pulizija rriżulta li fil-madwar kien hemm *CCTV cameras* oħra u minn dawn il-*cameras* wieħed seta' jara persuna tħabbat fuq il-bieb tal-parti leża, il-wasla tat-trakk tat-tip *pick-up* u d-dħul tal-aggressuri fid-dar tal-parti leża. Eventwalment l-appellant u persuni oħra tressqu l-Qorti u ġew akkużati b'numru ta' imputazzjonijiet.

Illi l-appell tal-appellant f'dan il-każ huwa dwar l-apprezzament tal-provi li sar mill-Ewwel Qorti. Dwar dan, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem

> l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat b'dan illi hija ser tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appelllant huwa intitolat hekk: "Dwar l-identifikazzjoni tal-esponenti bħala wieħed mill-malviventi". Dan l-aggravju huwa maqsum fis-segwenti:

- Ġenerali;
- Dwar il-ħwejjeġ miġbura;
- Dwar il-komparazzjoni tal-ħwejjeġ elevati mir-residenza ta' Carmen Spiteri għal dawk milbusa minn wieħed mill-malviventi;
- Dwar il-beritta misjuba fil-fond derubat;
- Dwar in-numru 99144941;
- Dwar il-kunċett ta' indizzji ċirkostanzjali;
- Konklużjoni.

Illi fl-aggravju in eżami l-appellant jibda billi jirreferi għal dak li huwa jsejjaħ bħala "allegati provi indizzjarji" li l-Ewwel Qorti

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

straħet fuqhom u ċioè il-ħwejjeġ miġbura mir-residenza ta' Carmen Spiteri, kif dawn imqabbla ma' dawk użati mill-malviventi, l-istatura tal-malvivent kif ukoll mill-beritta misjuba fuq il-lok tas-serqa.

Dwar il-ħwejjeġ miġbura:
Illi l-appellant jisħaq li PS 1337 Kevin Curmi, PC 1541 Joseph Agius u l-Uffiċjal Prosekutur l-iSpettur Fabian Fleri marru jagħmlu *search* fil-fond ta' Carmen Spiteri li fih kien qed jirrisjedi hu (l-appellant) kif qaltilhom l-istess Carmen Spiteri. L-appellant jisħaq li l-Prosekuzzjoni qatt ma ressqet lil Carmen Spiteri tixhed. Jirreferi għal Artikolu 638(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet li jirrikjedi l-aħjar prova u jargumenta li l-Ewwel Qorti ma segwietx dan l-artikolu. L-appellant jagħmel riferenza għall-ġurisprudenza dwar il-*hearsay rule* u jisħaq li l-allegazzjoni li hu kien jgħix ma' Carmen Spiteri hija biss *hearsay*. Jargumenta li ma hemm ebda prova li l-ħwejjeġ misjuba għand Carmen Spiteri huma tiegħu. Ma' dan, l-appellant jgħid li wieħed irid iżid il-konfużjoni dwar minn liema post inġabru l-ħwejjeġ għaliex l-iSpettur Roderick Agius qal li huma nġabru minn "Entrance C Flat 11" u mhux minn "Entrance C Flat 7". Minbarra dan, jargumenta li s-*size* tal-ħwejjeġ mhux biżżejjed biex jindikah għaliex tali ħwejjeġ jistgħu jappartjenu lil kull persuna fis-soċjeta' ta' statura twila u ta' ċertu piż speċjalment fi gżira fejn in-numru ta' nies *overweight* u *obese* huwa kbir.

Dwar il-komparazzjoni tal-ħwejjeġ elevati mir-residenza ta' Carmen Spiteri għal dawk milbusa minn wieħed mill-malviventi:
Illi l-appellant jisħaq li jekk wieħed janalizza l-*istills* jirriżulta li hemm diskrepanza bejn il-ħwejjeġ elevati u dawk milbusa mill-malvivent. Jgħid li wieħed jista' jqabbel l-*istill a fol.* 239 mar-ritratti *a fol.* 407 u 408. Jgħid li l-qalziet *a fol.* 407 juri qalziet b'kulur wieħed bil-logo tal-PUMA abjad fuq il-qalza x-xellugija. Minn naħa l-oħra il-qalziet milbus minn wieħed mill-malviventi għandu disinn fuq il-qalza x-xellugija, disinn li ma jidher imkien fuq il-ħwejjeġ elevati minn PS 1337. Jargumenta li barra dan, il-qalziet milbus mill-malvivent kellu l-arma tal-PUMA viċin l-irkoppa u dan b'kuntrast mal-qalziet elevat mill-Pulizija fejn l-

arma qegħda iktar fuq il-koxxa tax-xellug. Jisħaq li dawn it-*tracksuits* jinbiegħu f'ammonti kbar.

Illi l-Qorti ser tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha <u>dwar il-ħwejjeġ miġbura</u> u <u>dwar il-komparazzjoni tal-ħwejjeġ elevati mir-residenza ta' Carmen Spiteri għal dawk milbusa minn wieħed mill-malviventi</u>.

Illi dwar il-fatt li l-Prosekuzzjoni ma ressqitx lil Carmen Spiteri biex tixhed, din il-Qorti filwaqt li tinnota li mill-atti proċesswali jingħad li Carmen Spiteri kienet il-*partner* tal-appellant allura imputat Mangion, tinnota wkoll li Artikolu 635 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta Malta jiddisponi li *"il-miżżewġin, sħab f'unjoni ċivili u koabitanti ma jistgħux jinġiebu xhieda favur jew kontra xulxin, ħlief meta – [...]"*. U f'dan il-punt l-Artikolu jsemmi tliet eċċezzjonijiet li ma japplikawx għal dan il-każ.

Illi jekk dak li xehdu l-uffiċjali hawn fuq imsemmija jitqies bħala *hearsay*, dan ma jfissirx li l-Qorti għandha twarrab din ix-xiehda tagħhom għal kollox. Riferenza sejra ssir għas-sentenza mogħtija fl-1 ta' April 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Fabio Schembri** (Numru 206/2010) fejn din il-Qorti qalet hekk:

> "[...] Hu ben stabbilit li waqt li prova *hearsay* ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak li rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hija ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanzi oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti."

Illi Artikolu 599 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta (li huwa reż applikabbli għal qrati tal-ġustizzja kriminali b'Artikolu 520 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta) jaqra hekk:

> "<u>Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza</u>

> <u>sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu</u>; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta' immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta' reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd." [emfażi miżjuda]

Illi mill-ewwel sentenza tal-Artikolu hawn fuq ikkwotat jemerġi li fil-liġi tagħna l-*hearsay rule* mhijiex daqshekk assoluta. In fatti fis-sentenza mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2021 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Ben Nasan Khaled Ibrahim** (Numru 135/2019/1), il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

> "14. [...] Pero' hemm ukoll ċirkostanzi fejn skont l-artikolu 599 tal-Kap. 12 xiehda fuq kliem ħaddieħor hija ammessa. Din id-dispożizzjoni tapplika wkoll għall-proċeduri kriminali wkoll bis-saħħa tal-Artikolu 645 tal-Kap. 9."

Illi minn dan isegwi li dak li qalet Carmen Spiteri mhux eskluż għal kollox. Imma dan jista' jikkorrobora dak li raw l-uffiċjali tal-Pulizija b'għajnejhom fil-mument li huma arrestaw lill-appellant għaliex hemm kien akkumpanjat proprju mill-istess Carmen Spiteri. U dak li qalet Carmen Spiteri mhux xi kliem dwar it-twettiq tar-reat imma sempliċement li l-appellant kien qed jorqod magħha fl-istess appartament. Minn imkien ma jirriżulta li Carmen Spiteri għaddiet xi informazzjoni dwar ir-reati in kwistjoni.

Illi dan huwa msaħħaħ ukoll bilfatt li l-uffiċjali tal-Pulizija marru wkoll fil-post tal-appellant li jinsab fl-istess blokk. Dan filfatt kien vojt għaliex kien qed jiġi *refurbished*. Dan ikompli jikkorrobora dak li qalet Carmen Spiteri.

Illi jsegwi li l-Ewwel Qorti setgħet tqis bħala prova ammissibbli dak li ntqal minn Carmen Spiteri li l-appellant kien qed jirrisjedi magħha.

Illi l-appellant jissottometti li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tasal għal konklużjoni li l-ħwejjeġ miġbura jappartjenu lilu. Ma' dan din il-Qorti qed tikkunsidra wkoll dik il-komparazzjoni tal-ħwejjeġ elevati u tqis kollox f'daqqa.

Illi fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti qalet hekk (*a fol.* 622):

"6. Dawn il-ħwejjeġ huma ta' ***size*** **XXL** li m'hemmx dubju jappartjenu lill-persuna twila, ta' **statura identika għal dik tal-imputat li hu raġel twil u ta' ċertu piż, "*corpulent*"**. Jingħad li meta nbdew il-proċeduri odjerni l-imputat kien ta' ferm aktar piż *"body weight"*, milli fl-aħħar xhur li tulhom reġa' kien miżmum taħt arrest.[2]

7. Fil-fehma tal-Qorti il-wisa' (*waist*) u tul tal-qalziet (*length*), huma adatti għall-persuna tal-imputat Mangion li hu bniedem twil u mibni. Is-***size*** **XXL** kemm tal-qalziet kif ukoll tal-*hoodie* huma ta' qies li mistenni tilbes persuna tal-istatura ta' Mangion, iktar u iktar meta jiġi mfakkar li meta nbdiet din il-kumpilazzjoni, Mangion kien aktar mibni.

8. Dawn il-ħwejjeġ – il-flokk bil-*hoodie* u l-*jogging pants*, huma **identiċi għall-ilbies ta' wieħed mill-malviventi** li tant jinqabad tajjeb bis-*cctv camera.*

9. Iktar minn hekk, il-**<u>kulur</u> tal-*hoodie* u tal-qalziet esebiti wkoll huma identiċi għall-kulur** tal-ilbies li jidher liebes l-itwal fost il-malviventi. L-istess

[2] "Mis-sentenza esebita mid-difiża, jirriżulta li ġie revokat il-ħelsien mill-arrest tiegħu f'Diċembru, 2019, vide **Dok. AA** *a fol.* 538 *et seq.*".

persuna li terġa' toħroġ mir-residenza u tinġabar mill-*pick-up* madwar nofs siegħa wara.

10. Fuq dan l-esebit fuq il-qalza tax-xellug hemm stampata *puma*; **l-emblema tad-ditta Puma, propju kif jidher liebes wieħed mill-malviventi** fuq deskritt. Mill-*footage* din l-emblema tidher b'mod ċar fuq il-qalza xellugija, hekk kif l-imputat jidher ħiereġ mill-*pick-up* fid-deskrizzjoni tas-*cctv camera*. Ir-ritratt tal-esebit **KA223/2019**,[3] *a fol.* 407, ukoll **juri l-emblema ta' Puma fuq l-istess post tal-*jogging pants* tal-istess kulur li jidher fil-filmat**![4]"

Illi minn dan jirriżulta li Ewwel Qorti eżaminat kemm ir-ritratti kif ukoll l-istatura tal-appellant allura imputat li hi setgħet tara għaliex deher għal diversi seduti quddiemha. Saħansitra rat id-differenza fil-figura tiegħu minħabba li kien qatta' xi żmien taħt arrest. Barra dan, fuq ir-ritratt tal-ħwejjeġ elevati tidher il-marka tal-PUMA fuq in-naħa tax-xellug u tidher fl-istess post fir-ritratt *a fol.* 407. Jekk tidher ħarira aktar 'l isfel fir-ritratt huwa u ħiereġ mill-vann dan mhux għax il-marka tal-qalziet milbus hija aktar 'l isfel imma għaliex meta persuna tkun għadha kif tqum minn bil-qegħda ġewwa vann il-qalziet jista' jagħti l-każ li jkun niżel xi ftit u dana apparti l-fatt li fir-ritratt il-persuna tidher b'saqajha milwija. Dan ma jqanqal ebda dubju li l-figura tal-persuna li tidher fir-ritratt ħierġa mill-vann għandu l-istess ħwejjeġ li ġew elevati.

Illi lanqas ma hemm dubju li seta' kien hemm ħadd ieħor għaliex l-appellant jissottometti li d-ditta PUMA tipproduċi ħafna *jogging suits* bħal din. F'dan il-każ ir-rabta qed issir mal-malvivent għaliex proprju fil-post fejn kien qed jorqod tinstab *jogging suit* bl-istess kulur, b'*size* li jiffittja lill-persuna tal-korporatura tiegħu u li fl-istess ħin tidher persuna ħierġa mill-vann u dieħla fil-ħin li

[3] "**Dok. KC** *a fol.* 379. Esebit minn PS 1337 Kevin Curmi *a fol.* 376."
[4] "*Vide* Ritratt *a fol.* 407."

seħħet is-serqa.  Dawn il-kumbinazzjonjiet kollha ma jseħħux bl-addoċċ.

Illi f'dan il-punt din il-Qorti tirreferi wkoll għal dak li xehdet il-parti leża d-derubata Anna Sammut.  Hija għarfet lill-appellant (*a fol.* 39) u qalet li kien hu li żamm is-sikkina.  Meta l-Ewwel Qorti staqsietha jekk kinitx tafu lill-appellant Patrick Mangion, hija wieġbet hekk (*a fol.* 39):

"Le, le għax qed issemmih inti."

Illi meta Sammut kienet mistoqsija tgħid jekk kinitx żgura li għarfet lill-appellant Mangion hija wieġbet hekk (*a fol.* 39):

"Hu żgur."

Illi mit-traskrizzjoni tad-depożizzjoni mogħtija minn Anna Sammut quddiem l-Ewwel Qorti jirriżulta wkoll is-segwenti (*a fol.* 39 u 40):

> "Qorti:
> Hi semmiet, hu urietni lil Patrick Mangiin, qmis roża, għandu naqra daqna illum, dakinhar kellu?
>
> Anna Sammut:
> Xi ħaġa sewda kellu dakinhar.
>
> Qorti:
> X'inhi imma?
>
> Anna Sammut:
> Hawn kellu mustaċċi suwed mingħalija, hu kellu l-kalzetta.
>
> Qorti:
> Kellu l-kalzetta, inti qed tgħid biex inkunu ċari, qed tgħid li kien Patrick Mangion, għaliex qed tgħidli li kien hu?  Għax għaraftu mill-wiċċ jew?

Anna Sammut:
Mill-wiċċ u l-istatura, l-istess ngħid li hu, hu ngħid."

Illi mill-istess traskrizzjoni tad-depożizzjoni ta' Anna Sammut jirriżulta li anke fil-kontro-eżami tagħha hija reġgħet qalet hekk (*a fol.* 40):

"Wiċċu ngħid li hu kien",

u aktar 'l isfel, reġgħet qalet hekk (*a fol.* 40):

"Qed ngħid li hu ehe."

Illi minn dan kollu jirriżulta li l-argumenti mressqa mill-appellant dwar il-ħwejjeġ miġbura u dwar il-komparazzjoni tal-ħwejjeġ elevati mir-residenza ta' Carmen Spiteri għal dawk milbusa minn wieħed mill-malviventi qed jiġu miċħuda.

<u>Dwar il-beritta misjuba fil-fond derubat</u>:
Illi l-appellant jargumenta li huwa fallaċi r-raġunament tal-Ewwel Qorti li ġialadarba mill-fond derubat instabet beritta li fuqha nstab id-DNA tiegħu mela konsegwentement huwa wieħed mill-malviventi. Jisħaq li din il-beritta ma tidhirx fil-*footages* elevati mis-sistema tas-CCTV. Jgħid li tali beritta nstabet l-għada mid-derubata u mhux mill-esperti maħtura mill-Qorti u li din il-beritta nstabet impoġġija taħt karkur tad-derubata. L-appellant jisħaq li anke jekk jiġi aċċetat illi fil-fond in kwistjoni nstabet beritta li sussegwentement irriżulta li fuqha kien hemm id-DNA tiegħu, dan ma jfissirx illi huwa kien wieħed mill-malviventi. L-appellant jagħmel riferenza għal numru ta' sentenzi mogħtija mill-Qrati.

Illi jirriżulta li l-beritta nstabet l-għada tas-serqa wara li d-derubata Anna Sammut infurmat lill-iSpettur Roderick Agius li kienet sabitha ġewwa r-residenza tagħha fl-indana fejn inżammet mgħassa u marbuta. Din il-Qorti tinnota li fir-rapport tagħha mmarkat bħala Dok. "MC 1" (*a fol.* 166 *et seq*.), Dr. Marisa Cassar, li kienet ġiet nominata bħala espert fl-Inkjesta Maġisterjali sabiex

tagħmel analiżi tad-DNA, ikkonkludiet, fost l-oħrajn, is-segwenti (*a fol.* 170):

> "Meta wieħed jikkonsidra l-profil ġenetiku li ħareġ mill-kampjun 19ABT202 l-ipotesi li l-profil ġenetiku li ħareġ minn dan il-kampjun **hu** ta' **Patrick Mangion** u persuna oħra hija 998 iktar probabbli, mill-ipotesi li l-profil ġenetiku li ħareġ mill-kampjun hu ta' żewġ persuni oħra fil-popolazzjoni."

Illi l-appellant jissottometti li ma teżisti l-ebda prova u/jew indizju ċirkostanzjali li b'xi mod jorbtu mas-serqa.

Illi din il-Qorti tirreferi għas-sentenza mogħtija fid-29 ta' Settembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Ronnie Azzopardi** (Numru 305/2016), fejn din il-Qorti qalet hekk:

> "1. [...] Tajjeb li jkun osservat is-segwenti kif wisq drabi osservat minn din il-Qorti illi kwantu n-natura tal-prova indizzjarja l-Qrati tagħna jabbraċċjaw dik il-ġurisprudenza li tqis li "**circumstantial evidence is often the best evidence**" (*R vs. Taylor* 21 CRM App R21 ċitat f'**Il-Pulizija vs. Carmelo Busuttil** App. Krim. 6.5.1961 u mħaddan fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Carmelo Ellul Sullivan** App. Krim. 30.10.2001). "**Il-provi indizzjarji ħafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' dawn iridu jiġu eżaminati b'aktar attenzjoni sabiex wieħed jaċċerta ruħu li huma univoċi**" (**Il-Pulizija vs. Emanuel Seisun** App. Krim. 9.1.1998). Ugwalment ta' importanza hu s-segwenti monitu u kawtela li "**għalkemm il-provi indizzjarji jiġġeneraw ċertu suspett qawwi fil-konfront tal-appellant, is-suspett mhux prova**" (**Il-Pulizija vs. Mark Dimech** App. Krim. 30.4.09). Din il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Cyrus Engerer** tat-8 ta' Mejju 2014 fejn il-Qorti għamlet rassenja ġurisprudenzjonali estensiva ta' dan l-aspett tal-prova fis-sistema penali tagħna. Il-Qorti

ċċitat a propositu l-insenjament ta' Pollock C.B li tista' tgħid jiġbor fih l-ingredjenti essenzjali għall-evalwazzjoni tal-prova indizzjarja b'tixbiha verament idonea meta jgħid:

*"It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of".* U hawn fejn tabilħaqq jista' jkun li l-Ewwel Qorti kienet konvinta mod ieħor meta qieset il-prova indizzjarja bħala ħolqa minn katina, għaliex tinkiser il-ħolqa jfisser li jaqgħu l-provi kollha, meta kien ikun aktar idoneu li jkun kontemplat l-eżempju tal-ħabel maljat kif deskritt *supra*.

2. Fis-sentenza appena ċitata, il-Qorti ġabret dan kollu f'paragrafu wieħed b'mod eċċezzjonali bis-segwenti bran:

*"Kwindi jidher ċar mill-każistika imsemmija kif ukoll minn din il-kwotazzjoni li biex wieħed jasal li jikkonkludi li l-provi ċirkostanzjali huma univoċi wieħed irid jara l-assjem ta' dawn iċ-ċirkostanzi miġjuba bħala prova u li dan il-konvinċiment morali huwa wieħed ibbażat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni taċ-ċertezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. In oltre il-konklużjoni biex tkun univoka mhux neċessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista' jintlaħaq iżda trid tkun l-unika waħda li tista' twassal għal ħtija b'mod raġonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem ieħor jekk jinħoloq dubbju dwar l-univoċita' tal-provi*

> *ċirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wieħed raġonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bażi tan-nuqqas ta' univoċita'.""*

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li tagħmel riferenza wkoll għal sentenza mogħtija fil-11 ta' Jannar 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Antoine Galea** (Numru 184/2019) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "58. Minn eżamijiet forensiċi li saru mill-esperta Dr. Marisa Cassar jirriżulta li, il-profil ġenetiku maskili li nstab fuq it-*tights* li nstab fuq is-sellum li *a sua volta* nstab fil-bitħa tar-residenza tal-anzjana, **kien jikkorispondi ma' dak tal-appellant**. Din l-evidenza xjentifika ftit tħalli dubju.
>
> 59. Din l-evidenza meħuda flimkien mal-kunsiderazzjonijiet imsemmija aktar il-fuq iwasslu għall-konklużjoni li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha quddiemha xenarju ta' provi li jpinġu **stampa ċara u inekwivoka u li tipponta għall-istess konklużjoni** li hija dik li dakinhar tat-22 ta' Jannar 2012:
>
> i) Dak li kien qiegħed iżomm lill-anzjana milli tgħajjat u li saħansitra żamm idu ma' ħalqha sabiex hija ma tkunx tista' tgħajjat waqt li l-kompliċi tiegħu kien qiegħed jisraq l-affarijet mis-sular ta' fuq tar-residenza kien liebes kalzetta f'rasu;
>
> ii) WPS Grech semgħet lil vittma tgħid li din il-kalzetta kienet kulur il-laħam;
>
> iii) Instab *tights* fuq is-sellum li kien fil-bitħa u li bih il-malviventi niżlu fil-bitħa tar-residenza tal-vittma biex ikunu jistgħu jaċċedu fir-residenza biex jisirqu lil vittma;
>
> iv) It-*tights* misjub fuq is-sellum fil-bitħa tal-vittma kellu traċċi ġenetiċi jaqblu ma' tal-appellant.

> [...]
>
> 63. Din il-Qorti tosserva li l-assjem ta' dawn iċ-ċirkostanzi, b'mod inekwivoku, jippontaw lejn direzzjoni waħda, imsejsa wkoll fuq l-insenjament naxxenti mill-appell kriminali **Ir-Repubbblika ta' Malta vs. George Spiteri** u ċioè li l-prova tal-profil ġenetiku tal-appellant meħud flimkien maċ-ċirkostanzi kollha l-oħra tal-każ tammonta għal dik il-prova li tkun tfisser biss u xejn aktar għajr li GALEA huwa ħati ta' dawk ir-reati addebitati lilu fl-ewwel u fit-tieni imputazzjoni (fejn issir referenza għall-Artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali)."

Illi din il-Qorti tinnota li f'dan il-każ il-beritta bid-DNA tal-appellant instabet l-għada. Mis-sentenza appellata (*a fol.* 623) jirriżulta li d-difiża kienet issottomettiet li l-beritta setgħet tqegħdet fil-post biex tinkrimina lill-appellant. Iżda l-Ewwel Qorti qalet li ma nġabet ebda prova biex tissostanzja dan.

Illi din il-Qorti tqis ukoll li l-beritta in kwistjoni nstabet fil-post fejn kienet seħħet is-serqa. U dan mhux għax l-appellant kien xi ħabib jew midħla ta' Anna Sammut. Tant hu hekk li hi saret taf x'jismu wara li kienet qalitu l-Ewwel Qorti nnifisha. Barra dan, din il-beritta nstabet proprju fil-post fejn kienet miżmuma marbuta Anna Sammut u din l-istess Anna Sammut għarfet lill-appellant meta ntalbet tagħmel dan mill-Ewwel Qorti. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan kollu jindika mingħajr ebda dubju dettat mir-raġuni li dakinhar tas-serqa l-appellant kien preżenti fuq il-post, li daħal fl-istess ħin li daħlu iż-żewġ malviventi l-oħra u li ħareġ fl-istess ħin. Beritta bid-DNA tal-appellant ma ssibx ruħha hemm b'kumbinazzjoni! Din hija tip ta' indizju ċirkostanzali li jorbot ma' dak li ntqal qabel. Għalhekk il-Qorti, kontra dak li ssottometta l-appellant, tiddeċiedi li l-beritta bid-DNA tal-appellant hija prova inekwivoka tal-preżenza tiegħu fuq il-post tar-reat u għalhekk qed twarrab l-argumenti mressqa minnu f'dan ir-rigward.

Dwar in-numru 99144941:
Illi l-appellant jisħaq li l-konnessjoni bejn is-*sim-card* bin-numru 99144941 u hu baqgħet ma ġietx stabbilita fil-grad rikjest mil-liġi. Jisħaq li Spiteri ma tressqitx tixhed u ma ġietx ippruvata xi forma ta' konnessjoni bejnu u bejnha. Isostni li l-Ewwel Qorti qalet li l-Prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova li l-*call number* kien jippartjeni lill-imputat.

Illi l-Ewwel Qorti saħqet hekk fis-sentenza appellata (*a fol.* 613):

> "Dawn ir-riżultanżi ma jħallu ebda dubbju li l-*mobiles* eżebiti, partikolarment l-Apple iPhone **jappartjenu lill-imputat li tiegħu anke jidher ritratt fil-*folder/file* "Timeline" (Pics 74 u 75), l-istess ritratt li jidher fil-*folder/file* "Browser" (Items 27 u 28 geo position 13.01.2019)**."

Illi jirriżulta wkoll li ftit aktar 'l isfel, l-Ewwel Qorti qalet hekk fis-sentenza appellata (*a fol.* 614):

> "Stranament il-Prosekuzzjoni lanqas ma ġabet il-prova li l-*call number* 99144941 kien jappartjeni lill-imputat; għalkemm instab mobile Samsung fir-residenza fejn il-pulizija rriżultalha kien qed jirrisjedi Mangion, ma ġiex ppruvat xi ness bejn dak id-*device* u n-numru 99144941."

Illi minn dan jirriżulta li l-Ewwel Qorti ma qisitx dan in-numru fil-konsiderazzjonijiet tagħha. Għalhekk l-argumenti mressqa mill-appellant dwar in-numru 99144941 qed jiġu mwarrba.

Dwar il-Kunċett ta' Indizzji Ċirkostanzjali:
Illi hawnhekk l-appellant jisħaq li l-provi indizzjarji jenħtieġ li jkunu univoċi. Huwa jirreferi għal numru ta' sentenzi mogħtija mill-Qorti u jisħaq li għandu japplika l-prinċipju *in dubio pro reo.*

Illi, a skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti tagħmel riferenza għal dik il-parti aktar 'il fuq f'din is-sentenza fejn għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar in-natura tal-provi indizzjarji u

tapplikahom hawn. Huwa ċar li l-indizzji ċirkostanzjali f'dan il-każ huma katina waħda jew ħabel wieħed li jippuntaw kollha f'direzzjoni waħda – lejn l-appellant allura imputat Mangion. Apparti dan, din il-Qorti tieħu in konsiderazzjoni wkoll ix-xiehda mogħtija mill-parti leża Anna Sammut. Għall-istess raġunijiet aktar 'il fuq imsemmija, din il-Qorti qed twarrab l-argumenti mressqa mill-appellant fir-rigward tal-kunċett ta' indizzji ċirkostanzjali.

Illi b'hekk l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant qed ikun miċħud *in toto.*

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju tal-appellant huwa dwar l-allegat irwol tiegħu bħala ko-awtur. L-appellant jargumenta li ma teżisti ebda prova ċara u inekwivokabbli li torbtu mar-reat ta' serq. Jisħaq li jrid jirriżulta s-sehem attiv tiegħu u mhux sempliċement li kien fuq il-post. Jgħid li ma tressqet ebda prova ta' *common design* u li l-parti leża naqset li tiddentifika min mill-malviventi kien żammha illegalment.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tinnota li l-appellant ma kienx fil-post sempliċement għax allegatament kien qiegħed fil-fond derubat. L-appellant jagħmel riferenza għall-każijiet oħra li m'għandhom xejn x'jaqsmu dwar dan. Jirriżulta bl-aktar mod ċar li dakinhar tad-delitt ta' serq l-appellant daħal u ħareġ mill-istess fond maż-żewġ malviventi l-oħra. Il-*common design* jirriżulta miċ-ċirkostanzi indizzjarji li kollha jindikaw li riedu jinsterqu l-flus ħalli tinxtara d-droga. Lill-parti leża Anna Sammut rabtuha u ħallewha marbuta f'pożizzjoni ta' tbatija matul id-disgħa u għoxrin (29)) minuta li damu hemm ġew. Huwa loġiku għall-aħħar li l-appellant kien jaf li ser jinsterqu l-flus la daħal u ħareġ mal-malviventi fl-istess ħin. U li kien jaf ukoll li Anna Sammut kienet issekwestrata. Dan kien jaf li d-derubata kienet hemm ġew għax kienet hi li fetħet il-bieb u x-xiehda ta' Anna Sammut – li għandha titwemmen – hija biżżejjed.

Illi Sammut saħansitra qalet li l-malviventi tbiddlu sabiex hi tkun mgħassa l-ħin kollu. Hija tħalliet hekk ukoll wara li dawn ħarġu mid-dar. Peress li t-taraġ qiegħed qrib il-bieb huwa żgur li l-appellant ra lill-parti leża marbuta. Lanqas hemm l-iċken dubju li l-appellant kien ko-awtur kemm fis-serqa kif ukoll fl-"arrest" jew sekwestru ta' Anna Sammut. Għandu jingħad li l-appellant Mangion ma kienx sempliċement preżenti iżda ħa parti attiva u kien jaf x'qed isir, kemm is-serqa kif ukoll is-sekwestru ta' Anna Sammut. Kif jgħid il-Professur Sir Anthony Mamo fin-Noti tiegħu <u>Notes on Criminal Law (First Year – Criminal Law)</u>:

> "There are, indeed, some acts which bear the 'conscientia sceleris' on the face of them."

Illi l-fatti ta' dan il-każ jippuntaw għal din il-*conscientia sceleris*. Meħud in konsiderazzjoni ta' dan kollu, l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tielet aggravju</u> tal-appellant huwa dwar l-addebitu tar-reċidiva. L-appellant jisħaq li r-Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali ppreżentat s-segwenti tliet sentenzi li ngħataw fil-konfront tiegħu:

- **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-19 ta' Mejju 2011 (*a fol.* 420 *et seq.*);
- **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-28 ta' Mejju 2012 (*a fol.* 428 *et seq.*); u
- **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-5 ta' Mejju 2015 (*a fol.* 431 *et seq.*).

Illi l-appellant ma jikkontestax li s-sentenzi hawn fuq imsemmija ġew mogħtija fil-konfront tiegħu pero' jisħaq li ma saret l-ebda prova da parti tal-Prosekuzzjoni dwar jekk hu kienx għamel

appell minn dawn is-sentenzi. Huwa jagħmel riferenza għal sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fil-21 ta' Jannar 2020 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Said Bouslama** (Numru 152/2019). Din il-Qorti tinnota li fl-aggravju in eżami l-appellant stess jirrikonoxxi li l-aggravju mressaq fl-appell li dwaru ngħatat s-sentenza appena msemmija minnu kien jittratta ksur ta' provediment ta' sentenza sospiża, li m'huwiex il-każ fil-każ odjern.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-28 ta' Ġunju 2017 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Zammit** (Numru 627/2016) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Issa imbagħad dwar l-addebitu tar-reċidiva, jirriżulta illi fil-fatt fl-atti hemm esebiti żewġ sentenzi dwar kundanni preċedenti kontra l-appellanti li madanakollu kif ingħad ma jitkellmux dwar serq. Dan ifisser bl-istess mod illi l-appellanti qatt ma seta' jiġi addebitat bir-reċidiva a tenur ta' l-Artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali. Fir-rigward tal-addebitu, kif ikkontemplat fl-Artikolu 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, l-appellanti jisħaq illi bil-fatt illi l-Prosekuzzjoni teżebixxi sentenza tal-Qorti fejn l-Uffiċjal Prosekutur f'dik l-istanza, jinġieb bħala xhud biex jikkonferma l-identita' tal-persuna akkużata, ma hijiex prova sodisfaċenti skont il-liġi billi trid issir il-prova tramite r-Reġistratur tal-Qorti illi dik is-sentenza għaddiet in ġudikat u li ma hemmx xi appell pendenti fuqha u dan ovvjament meta si tratta ta' sentenza deċiża in prim'istanza.
>
> > ***"Għalkemm il-fedina penali tista' tittieħed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali biex ikunu jistgħu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-reċidiva dejjem tinneċessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni preċedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi preċedenti kif ukoll billi jiġi ppruvat a***

> ***sodisfazzjoni tal-qorti – permezz ta' xhieda jew minn eżami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jagħtu l-konnotati meħtieġa tal-persuna kkundannata) jew minn eżami tal-atti tal-kawża ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi preċedenti – li dawk is-sentenzi jirreferu għall-persuna li tkun qed tiġi akkużata bir-reċidiva."***[5]

Illi allura bil-fatt li tiġi esebieta s-sentenza tal-Qorti u ssir il-prova ta' l-identita' ir-reċidivita' tal-persuna akkużata hija ppruvata. Ma hux neċessarju kif jikkontendi l-appellanti illi issir il-prova li tali sentenza hija finali, iktar u iktar meta l-persuna akkużata stess ma tkunx qanqlet din id-difiża in prim'istanza u tħalli kollox għaddej qisu mhu xejn biex imbagħad tasal issa fi stadju ta' appell u tressaq lanjanza f'dan ir-rigward. Illi meta l-Prosekuzzjoni tressaq il-provi tagħha, spetta lid-difiża mbagħad biex tattakka dik il-prova permezz jew ta' provi oħra jew anke bil-kontro-eżami tax-xhud. Ma jidhirx illi l-appellanti wara li ġew esebieti s-sentenzi u anke xehed kemm l-Uffiċjal Prosekutur kif ukoll l-Prosekutur ta' dawk il-każijiet għamel il-mistoqsijiet in kontro-eżami li fil-fehma tiegħu setgħu ixejjnu il-prova magħmula mill-Prosekuzzjoni permezz ta' sentenza uffiċjali tal-Qorti. Illi di piu' għalkemm il-fedina penali waħedha kif ingħad ma tistax tikkostitwixxi prova sodisfaċenti, madanakollu l-Qorti tista' tagħmel il-verifiki neċessarji meta tiġi esebieta sentenza tal-Qorti illi din hija waħda finali billi tara jekk l-istess tinsabx riflessa fil-fedina penali aġġornata ta' l-persuna akkużata li f'dan il-każ il-Qorti kellha il-privileġġ li jkollha saħansitra tlieta minnhom bl-aħħar waħda aġġornata esebieta ftit qabel ma' l-Ewwel Qorti għaddiet għas-sentenza. F'dan il-każ din il-Qorti rat li ż-żewġ sentenzi esebiti li jissodisfaw l-elementi kollha dwar l-identita' ta' l-

[5] "**Il-Pulizija vs. Paul Abela** deċiża App. Krim. 10/09/2004."

> appellanti huma riflessi fil-fedina penali aġġornata ta' l-appellanti minn fejn joħroġ illi ma kienx hemm appell fir-rigward. Kwindi l-appellanti ma għandux raġun f'dan l-aggravju u l-prova magħmula mill-Prosekuzzjoni permezz tas-sentenzi esebiti bil-konnotati jaqblu ma' dawk ta' l-appellanti u bil-kundanni riflessi fil-fedina penali tikkostitwixxi prova sħiħa u sodisfaċenti skont il-liġi."

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ikkwotat u tapplikah *mutatis mutandis* fir-rigward tal-argument tal-appellant rigward ir-reċidiva (inkluż dik il-parti fejn fis-sentenza hawn fuq ikkwotata ssir riferenza għal fedina penali tal-appellanti f'dak il-każ u dana peress li anke fl-appell odjern it-tliet sentenzi li ġew eżebiti quddiem l-Ewwel Qorti u li huma l-mertu dwar ir-reċidiva tal-appellant jirriżultaw fil-fedina penali tiegħu li ġiet eżebita quddiem din il-Qorti kif preseduta ftit tax-xhur ilu). Għal kull buon fini din il-Qorti taqbel mal-appellant meta fl-aggravju in eżami jisħaq li l-multa li ġiet imposta fuqu kellha ssir il-prova li tħallset u li l-piena ġiet skontata pero' għandu jingħad ukoll li fis-sentenza mogħtija fil-konfront tal-appellant mill-Qorti tal-Maġistrati fil-5 ta' Mejju 2015 (*a fol.* 431 *et seq.*) u li ġiet imsemmija aktar 'il fuq f'din is-sentenza huwa ma ġie kkundannat iħallas l-ebda multa. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, l-argumenti dwar ir-reċidiva hekk kif imressaq mill-appellant fit-tielet aggravju tiegħu qed ikunu miċħuda.

**Ikkunsidrat**

Illi r-<u>raba' aggravju</u> tal-appellant huwa dwar il-ksur tad-digriet mill-ħelsien mill-arrest. L-appellant jisħaq li x-xhud tal-Prosekuzzjoni ma kkonfermax li l-kondizzjonijiet kienu l-istess kondizzjonijiet li kellu hu fil-11 ta' Jannar 2019, id-data indikata fl-imputazzjonijiet. Jargumenta li hu qatt ma seta' jinstab ħati li kiser il-kondizzjonijiet.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li fis-sentenza appellata ngħad hekk (*a fol.* 639 u 640):

> "Għalhekk dak li din il-Qorti hi msejjħa tiddeċiedi dwaru, hu biss jekk fil-**11 ta' Jannar, 2019**, kienux għadhom pendenti l-kundizzjonijiet dwar il-ħelsien mill-arrest mogħtija nhar l-**14 ta' Diċembru, 2017** mill-Onor. Maġistrat Farrugia Frendo.
>
> **Dan ġie sodisfatt** bix-xhieda tal-uffiċjal prosekutur f'dawk il-proċeduri, l-Ispettur Saviour Baldacchino, li kkonferma li dawk kienu l-istess kundizzjonijiet, li ngħataw lill-imputat fil-proċediment imexxi minnu, liema proċedimenti kienu għadhom **pendenti**."[6]

Illi l-Ewwel Qorti kienet korretta meta qalet dan ta' hawn fuq peress li jirriżulta li ġie kkonfermat li l-proċeduri in kwistjoni kienu għadhom pendenti b'dan illi jirriżulta wkoll li ġie kkonfermat li l-kondizzjonijiet kienu l-istess. Ma kien meħtieġ xejn aktar kif jeżiġi l-appellant. Għalhekk il-Qorti r-raba' aggravju qed jiġi miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi minkejja li l-appellant ma jressaq ebda aggravju dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu, fit-talbiet tiegħu huwa jitlob li din il-Qorti tvarja l-piena erogata mill-Ewwel Qorti għal waħda li tkun aktar ekwa u ġusta għal każ odjern u dana fl-eventwalita' li din il-Qorti tikkonferma l-ħtija taħt xi waħda mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu.

Illi mingħajr tlaqlieq ta' xejn din il-Qorti tinnota li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant allura imputat hija waħda li tirrifletti s-serjeta' tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu li huwa nstab ħati tagħhom mill-Ewwel Qorti, liema sejbien ta' ħtija ma ġiex varjat minn din il-Qorti. Din il-Qorti tinnota li l-appellant huwa reċidiv u dana apparti l-fatt li mill-fedina penali tiegħu jirriżulta li huwa kiser difrejgħ mal-liġi diversi drabi. Apparti minn dan, din il-Qorti tagħmel tagħha l-

[6] "*Fol.* 488."

konsiderazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti dwar il-piena erogata minnha fil-konfront tal-appellant allura imputat. Dan kollu jfisser li ma hemmx lok li t-talba tal-appellant sabiex tiġi varjata l-piena erogata mill-Ewwel Qorti tiġi milqugħa.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Patrick Mangion u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**